**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 10 ta' Ottubru, 2022**

**Rikors Maħluf Nru: 102/2020**

***ADRIAN VELLA U LUCIENNE ABELA VELLA***

***VS.***

***JASMINE AZZOPARDI***

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza finali dwar it-talbiet kollha tal-atturi sabiex il-konvenuta Jasmine Azzopardi tħallashom għad-danni li ġarrbu minħabba li skonthom hija kienet serqet numru ta' oġġetti minn darhom, liema oġġetti Jasmine Azzopardi baqgħet qatt ma raddithom lura;

***Daħla***

2. B'rikors maħluf imressaq fit-**3 ta' Frar, 2020**, l-atturi fissru li d-dar tagħhom sfat misruqa fil-perijodu ta' bejn Novembru u Diċembru 2012. Komplew jgħidu li l-konvenuta Jasmine Azzopardi, li fil-passat kien jisimha Jason-John Azzopardi, kienet ġiet mixlija b'serq ta' oġġetti ta' valur, flejjes, deheb u ħaġar prezzjużi oħra quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Skont l-atturi l-valur tal-oġġetti

misruqa kien ilaħħaq mat-€18,500. L-atturi spjegaw li għalkemm il-konvenuta Jasmine Azzopardi kienet ammettiet għall-akkużi miġjuba kontra tagħha, hija qatt ma tat lura l-oġġetti misruqa u b'hekk ħolqitilhom id-danni. Għalhekk, l-atturi jgħidu li huma kellhom jiftħu din il-kawża fejn talbu lill-qorti:

*«1. Tiddikjara li l-konvenuta hija responsabbli għas-serq mir-residenza Campbell Close, E2, Triq San Pawl, Attard, liema serq sar bejn il-perijodu ta' Novembru u Diċembru 2012;*

*2. Tiddikjara li l-konvenuta hija responsabbli għad-danni kkawżati lill-atturi fis-serq hawn imsemmi;*

*3. Tillikwida jekk hemm bżonn bl-opra ta' periti nominandi, id-danni fl-ammont ta' dawk l-oġġetti li l-konvenuta serqet b'mod speċifiku dawk marbutin mar-reat imwettaq minnha;*

*4. Tikkundanna lill-istess konvenuta tħallas lill-atturi l-ammonti hekk likwidati;*

*5. Tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-atturi mgħax tat-tmienja fil-mija fis-sena fuq l-ammonti hekk likwidati, mill-ġurnata rispettiva sal-jum tal-effettiv pagament, jew kull somma oħra lil din il-Qorti jidhrilha xierqa, u dan in linea ta' danni;*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta, li hija minn issa inġunta għas-subizzjoni.»*

3. Il-konvenuta ppreżentat it-tweġiba maħlufa tagħha fil-**<u>15 ta' Ġunju, 2020</u>**, u fiha hija ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1. Illi din ir-risposta ġuramentata qiegħda ssir sabiex l-esponenti tottempora ruħha mad-digriet mogħti minn din l-Onorabbli Qorti fil-5 ta' Frar tas-sena 2020;*

*2. Illi in limine litis, irid jiġi eċċepit illi din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex kompetenza ratione materiae sabiex tisma' u tiddeċiedi din il-kawża, stante li kuntrarjament għal dak allegat mir-rikorrenti fir-rikors promotur, il-valur inkwistjoni ma jeċċedix il-ħmistax-il elf ewro (€15,000), u dan hekk kif ser jiġi ppruvat fil-mori ta' din il-kawża;*

*3. Illi preliminarjament, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ġialadarba li din il-[sic] qiegħda tirkeb fuq kawża oħra ta' natura*

*penali, jiġi umilment eċċepit li r-rikorrenti, is-Sinjura Lucienne Vella, mhijiex il-leġittimu kontradittur stante li m'għandhiex titolu fuq il-beni allegatament misruqa jew se mai għandha tipprova dan fil-mori tal-proċeduri;*

*4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, huwa minnu li l-esponenti kienet instabet ħatja mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, ippreseduta mill-Maġistrat Dr Antonio Micallef Trigona LL.D. Iżda hekk kif ser jiġi ppruvat fil-mori ta' din il-kawża, l-esponenti kienet ammettiet biss li serqet muniti b'valur li ma jaqbiżx it-tmien mitt ewro (€800) u mhux kif qiegħed jiġi allegat mir-rikorrenti fir-rikors promotur, ossia li ċ-ċifra kienet dik ta' tmintax-il elf u ħames mitt ewro (€18,500);*

*5. Illi kif ser jiġi pruvat fil-mori tal-proċeduri odjerni, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma jistgħux jiġu pruvati sal-grad tal-probabbiltà u dan skont, inter alia, is-segwenti;*

*6. Illi għalkemm fir-rikors promotur qiegħda ssir referenza għall-arloġġ tal-marka Chopard, l-istess rikorrenti għandhom l-oneru li jippruvaw it-titolu tagħhom fuq l-istess arloġġ. Hawnhekk si tratta mhux ta' pussess kif definit fil-kamp penali, u allura r-rikorrenti għandu l-oneru jipprova mhux biss il-pussess imma anke t-titolu tal-oġġett allegatament misruq. Illi x-xhieda tar-rikorrenti li ngħatat fil-kawża kriminali tikkontradixxi bil-kbir il-kontenut tar-rikors promotur, u dan kif ser jiġi ampjament ippruvat fil-mori tal-proċeduri odjerni;*

*7. Illi in oltre, jiġi umilment rilevat li sakemm taf l-esponenti, sid l-arloġġ qatt ma fetaħ xi kawża sabiex jiġi kkumpensat għat-telf ta' dan l-arloġġ, u allura wieħed ma jistax jifhem kif ir-rikorrenti qiegħed jirkeb fuq din is-sitwazzjoni biex jieħu dawn il-flus lura, saħansitra billi rrikorra għal kawża fil-kamp ċivili;*

*8. Illi li ma qalx ir-rikorrenti fir-rikors promotur tiegħu huwa li fil-fatt huwa mhuwiex sid l-arloġġ, għaliex tali arloġġ kien qiegħed għandu bħala rahan fis-somma ta' għaxart elef ewro (€10,000). Illi dan l-ammont ir-rikorrenti ħadu lura u sid l-arloġġ qatt ma talab irkupru. Allura r-rikorrenti għalfejn qiegħed jitlob għal dan l-ammont meta legalment m'għandux bażi legali għat-talba in propożitu?;*

*9. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti għandhom jippruvaw li l-affarijiet li għalihom qegħdin jitolbu l-ħlas mingħand l-esponenti kienu verament ġewwa r-residenza li tinstab ġewwa l-fond bl-isem ta' Cambell Close, E2, sitwat fi Triq San Pawl, ġewwa Ħ'Attard, u dan stante li quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, qatt ma tressqet prova li dawn l-oġġetti*

*kienu fil-fatt fil-post fejn saret is-serqa u lanqas ma kien ġie maħtur espert sabiex jikkwantifika l-ammont li allegatament ġie misruq mir-residenza tar-rikorrenti;*

*10. Salv eċċezzjonijiet oħra;*

*Għaldaqstant, u in vista tal-premess, it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.»*

4. Il-partijiet għalqu l-provi kollha tagħhom fis-seduta tad-**29 ta' April, 2022**;

5. L-atturi ressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub fl-14 ta' Ġunju, 2022, filwaqt li l-konvenuta ressqet is-sottomissjonijiet bil-miktub tagħha fit-12 ta' Settembru, 2022;

6. Din il-qorti wara li ħadet qies tal-provi u tas-sottomissjonijiet kollha mressqa f'din il-kawża, tinsab f'qagħda li tgħaddi għal din is-sentenza;

***Fatti***

7. Lejn l-aħħar xhur tas-sena 2012, l-atturi qabbdu lill-konvenuta Jasmine Azzopardi sabiex kull tant żmien tmur tnaddfilhom f'darhom. Madwar tliet xhur wara li bdiet tgħinhom fit-tindif, l-attur Adrian Vella mar biex jilbes arloġġ tad-ditta *Chopard* iżda huwa dlonk intebaħ li dan ma kienx f'postu. Dan l-arloġġ, għalkemm kien proprjetà ta' sieħbu Pierre Galea, kien jinsab fil-pussess tiegħu bħala rahan fuq is-somma ta' €10,000 li ġiet mislufa lil dan tal-aħħar permezz ta' kitba privata tad-29 ta' Ottubru, 2012 (ara paġni 33 u 34 tal-atti tal-kawża);

8. L-atturi minnufih daħlilhom suspett fil-konvenuta u wara li huma fittxew mal-filmati tas-sistema CCTV li għandhom installata ġew darhom huma qalu li lemħu lill-konvenuta tisraq id-deheb minn arloġġ tal-polka li l-atturi kellhom fl-istudju tagħhom u lemħuha wkoll tieħu l-flus minn vażett li fih kienu jżommu l-muniti;

9. Meta raw hekk l-atturi tkellmu mal-konvenuta u talbuha trodd lura dak kollu li kienet ħaditilhom mid-dar iżda hija ċaħdet li hija qatt ħadet jew serqitilhom xi ħaġa. Għalhekk, l-atturi mxew billi għamlu rapport lill-Pulizija dwar dak li kienu sabu misruq minn darhom (ara r-rapport datat 9 ta' Diċembru, 2012 f'paġni 53 u 54 tal-atti tal-kawża);

10. Il-konvenuta Jasmine Azzopardi ġiet interrogata darbtejn: darba fis-7 ta' Jannar, 2013, fejn għall-ewwel hija ċaħdet kull allegazzjoni miġjuba kontriha iżda mbagħad ammettiet li kienet ħadet €40 f'muniti (ara r-rapport tal-Ispettur Jonathan Ransley fuq in-naħa ta' wara ta' paġna 65 tal-atti tal-kawża) u darb'oħra fl-10 ta' Jannar, 2013, fejn hija stqarret li hija kienet ħadet mhux aktar minn €250 mid-dar tal-atturi iżda ċaħdet li kienet serqet oġġetti oħra (ara l-istqarrija ffrimata mill-konvenuta f'paġni 60 u 61 tal-atti tal-kawża);

11. Fil-11 ta' Frar, 2013, il-Pulizija mexxiet kontra l-konvenuta, li dakinhar kienet għadha jisimha Jason-John Azzopardi, fejn hija ġiet mixlija li wettqet serq ta' arloġġ tad-ditta *Chopard*, u ta' flus u affarijiet oħra bi ħsara għal Adrian Vella. Skont it-taħrika, dan is-serq kien jaqbeż il-valur ta' €2,329.37 u kien aggravat bil-persuna, bil-lok u bil-valur (ara t-taħrika f'paġna 84 tal-atti tal-kawża);

12. Fis-seduta tat-2 ta' Diċembru, 2015, li ġiet miżmuma quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, Jasmine Azzopardi, li dakinhar kien għadha jisimha Jason-John Azzopardi, ammettiet l-akkużi kollha li nġabu kontriha (ara l-verbal f'paġna 214 tal-atti tal-kawża). Għalhekk dik il-Qorti għaddiet minnufih għas-sentenza, fejn sabet lill-konvenuta ħatja għall-akkużi miġjuba kontriha u kkundannata għal sentejn priġunerija, li bit-tħaddim tal-**artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta**, ġew sospiżi għal erba' snin (ara s-sentenza f'paġni 215 u 216 tal-atti tal-kawża);

13. Mis-sentenza hawn fuq imsemmija mar sar l-ebda appell (ara n-nota tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali f'paġna 82 tal-atti tal-kawża);

14. Fit-3 ta' Marzu, 2017 saret annotazzjoni fl-att tat-twelid tal-konvenuta, fejn fiha ġie imniżżel li b'dikjarazzjoni magħmula fl-atti tan-nutar Marco Buttiġieġ fis-27 ta' Frar,

2017 skont il-**Kap 540 tal-Liġijiet ta' Malta**, il-konvenuta biddlet isimha minn 'Jason-John Azzopardi' għal 'Jasmine Azzopardi' (ara x-xiehda ta' Ignatius Ċiantar f'paġna 73 tal-atti tal-kawża u ċ-ċertifikat tat-twelid f'paġna 75 tal-atti tal-kawża);

15. Ftit aktar minn erba' snin wara li l-konvenuta Jasmine Azzopardi ġiet misjuba ħatja tar-reat ta' serq, jiġifieri fit-3 ta' Frar, 2020, l-atturi fetħu din il-kawża;

***Konsiderazzjonijiet***

16. Din hija kawża fejn l-atturi qegħdin jippretendu li jiġu mħallsa għad-danni li ġarrbu mill-konvenuta Jasmine Azzopardi għaliex huma jisħqu li din baqgħet ma radditx lura l-oġġetti jew il-valur tal-oġġetti li hija kienet serqitilhom;

17. Skont prospett magħmul u maħluf minn Adrian Vella (ara paġna 231 tal-atti tal-kawża), il-konvenuta kienet serqitilhom dawn l-oġġetti:

    i. katina tad-deheb solidu u msielet taċ-ċrieki tad-deheb li kellhom valur ta' €3,000;
    ii. diversi prodotti tax-xahar tal-valur ta' €50;
    iii. qmis tat-tifel tagħhom tal-valur ta' €50;
    iv. flejjes (karti u muniti) fl-ammont ta' €2,100;
    v. arloġġ tal-polz tad-ditta *Chopard* tal-valur ta' €12,400; u
    vi. amuleti tad-deheb u biċċiet tad-deheb minn arloġġ qadim tal-polka tal-valur ta' €1,000;

18. Fuq ix-xaqliba l-oħra, il-konvenuta ċaħdet ix-xiljiet miġjuba kontra tagħha u fost sensiela ta' eċċezzjonijiet imressqa minnha, hija rroftat li hija kienet serqet mingħand l-atturi flejjes li jaqbżu ċ-ċifra ta' €800 u saħqet li l-atturi kellhom iġibu prova li l-oġġetti li tagħhom qiegħed jintalab il-ħlas kienu tassew jinsabu fir-residenza tagħhom qabel ma dawn ġew misruqa;

19. Il-konvenuta Jasmine Azzopardi ressqet ukoll żewġ eċċezzjonijiet ta' xejra preliminari, li sejrin jiġu mistħarrġa qabel l-eċċezzjonijiet fil-mertu tagħha. Fit-**<u>tieni eċċezzjoni</u>** tagħha l-konvenuta tgħid li din il-qorti m'għandhiex il-kompetenza *ratione materiae* biex tisma' din il-kawża, għaliex dejjem skont it-teżi tagħha, kuntrarjament għal dak li jgħidu l-atturi, il-valur tal-oġġetti misruqa ma jaqbiżx il-€15,000;

20. Minn dak li qiegħda tifhem il-qorti, f'din l-eċċezzjoni tagħha l-konvenuta qiegħda tgħid li din il-qorti m'għandhiex is-setgħa li hija tistħarreġ din il-kawża għaliex il-valur tal-kawża ma jaqbiżx il-€15,000 u għalhekk skont l-**artikolu 47 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, il-qorti kompetenti biex tisma' din il-kawża kellha tkun il-Qorti tal-Maġistrati (Malta);

21. Qabelxejn din il-qorti tirrimarka li l-kompetenza ta' qorti marbuta mal-valur tal-kawża ma tissejjaħx kompetenza *ratione materiae* (i.e. kompetenza skont is-suġġett tal-kawża), hekk kif issejħilha b'mod żbaljat il-konvenuta, iżda kompetenza *ratione valoris*. Din l-eċċezzjoni tal-konvenuta tintrabat mal-**artikolu 741(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** flimkien mal-**artikolu 746** li jirreferi wkoll għall-artikoli miġjuba warajh;

22. Issa fir-rikors maħluf, l-atturi mhumiex qegħdin jitolbu ammont ta' danni speċifiku li ddeterminaw huma, iżda, qegħdin iħallu f'idejn il-qorti biex tasal għall-ammont ta' danni li huma jgħidu li għandhom jitħallsu mingħand il-konvenuta. Dan meqjus, wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li fil-premessi tar-rikors maħluf tagħhom, l-atturi semmew li l-valur tal-oġġetti misruqa lilhom mill-konvenuta jlaħħaq mat-€18,500;

23. Skont l-**artikolu 747(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, kawża ta' valur inċert jew indeterminat titqies dejjem li taqbeż il-kompetenza tal-qorti ta' ġurisdizzjoni limitata. Fost it-tliet ċirkostanzi fis-**sub-inċiż (2) tal-artikolu 747** li l-liġi ssemmi bħala kawża ta' valur indeterminabbli, wieħed isib dawk il-kawżi li fihom il-valur tal-ħaġa ma jirriżultax mit-talba attriċi u lanqas jista' jiġi determinat kif jingħad fl-artikoli **748** sa **766 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** li jitkellmu dwar id-determinazzjoni tal-valur tal-kawża. Jiġi b'hekk, li anke jekk il-valur ma jissemmiex fit-talbiet attriċi, dan ma jġibx, fih innifsu biss, li dik il-kawża hija waħda ta' valur inċert jekk dak il-valur huwa determinabbli skont l-artikoli tal-

liġi li jiġu wara l-**artikolu 747** (ara ***Maria Spiteri v. Mediterranean Insurance Brokers (Malta) Limited et***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 15 ta' April, 2010);

24. Madankollu, jibqa' l-fatt li fejn il-valur ta' talba huwa inċert jew mhux determinat hekk kif inhuwa l-każ li għandna quddiemna, il-qorti mogħnija bil-kompetenza biex tisma' dik it-talba skont ir-rieda espressa tal-liġi hija din il-qorti (ara l-**artikolu 32 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**). Kemm hu hekk, ġie stabbilit fis-sentenza ***Giuseppe Gatt v. Carmelo Mifsud***, mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Novembru, 1963, li hija l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li hija l-qorti kompetenti biex tisma' kawża fejn l-attur ikun ressaq talba għal-likwidazzjoni tad-danni; għalkemm fl-istess sentenza l-qorti ċċensurat lill-attur għaliex huwa kien imissu jaf li l-ogħla ammont ta' kumpens li seta' jieħu ma kienx jisboq l-ammont li joħroġ mill-kompetenza tal-qrati inferjuri (ara wkoll ***Patrick Spiteri v. Kummissarju tat-Taxxi Interni*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-20 ta' Ottubru, 2009);

25. Issa fil-każ tagħna, l-attur ressqu prospett tad-danni li ġarrbu fejn huma jindikaw li t-total ta' danni li batew kien dak ta' €18,600. Għalhekk, jirriżulta *ictu oculi* mill-atti li dan l-ammont jaqbeż l-valur ta' €15,000 li hemm imsemmi fl-**artikolu 47 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** u dan ifisser li b'konsegwenza t'hekk din il-qorti għandha s-setgħa li tisma' din il-kawża. B'daqshekk il-qorti mhijiex qiegħda tgħid minn issa li l-ammont kollu ta' €18,600 f'danni ġie ppruvat mill-atturi. Dan għadu jrid jiġi mistħarreġ aktar 'il quddiem f'din is-sentenza. Dak li qiegħda tgħid għalissa din il-qorti huwa li l-eċċezzjoni tal-konvenuta li din il-qorti m'għandhiex il-kompetenza li tisma' din il-kawża minħabba l-valur tal-azzjoni mressqa mill-attur mhijiex mistħoqqa;

26. Għalhekk, it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuta Jasmine Azzopardi qiegħda tiġi miċħuda;

27. Ngħaddu issa għat-**<u>tielet eċċezzjoni</u>** tal-konvenuta fejn hija tgħid illi ladarba l-atturi qegħdin isejsu l-azzjoni tagħhom fuq kawża oħra ta' natura penali, l-attriċi Lucienne Abela Vella m'għandhiex leġittimazzjoni attiva sabiex tmexxi din il-kawża, u dan minħabba li hija m'għandha l-ebda titlu fuq il-ġid li l-atturi jgħidu li ġew misruqa;

28. Mingħajr ħafna tidwir mal-lewża l-qorti tgħid li din l-eċċezzjoni hija waħda bla sies. Huwa ċar mill-ġabra tal-provi, fosthom l-affidavits tal-atturi, li wħud mill-oġġetti li huma qegħdin jgħidu li ġew misruqa mingħandhom huma fil-fatt proprjetà tal-attriċi Lucienne Abela Vella. Kemm hu hekk, l-atturi jgħidu li l-katina tad-deheb solidu u l-imsielet tad-deheb li allegatament ġew misruqa, ġew mogħtija lill-attriċi Lucienne Abela Vella minn missierha. Għalhekk, darba li dawn l-oġġetti kienu tagħha, m'hemmx dubju li Lucienne Abela Vella għandha interess ġuridiku f'dawn il-proċeduri;

29. Għalkemm l-akkuża li ħarġet mill-Pulizija fil-konfront ta' Jasmine Azzopardi (dakinhar Jason-John Azzopardi) kienet tgħid li s-serq sar bi ħsara għal Adrian Vella u ma ssemmix lil Lucienne Abela Vella (ara t-taħrika f'paġna 84 tal-atti tal-kawża), wieħed ma jridx jinsa li l-atturi huma miżżewġin u għalhekk bħalissa qiegħda titħaddem bejniethom il-komunjoni tal-akkwisti. Għalhekk, anke li kieku stess l-oġġetti kollha li ġew misruqa kienu jappartjenu lkoll kemm huma lil Adrian Vella, Lucienne Abela Vella xorta jibqgħalha interess f'dawn il-proċeduri minħabba s-sehem tagħha fil-komunjoni tal-akkwisti. Għalhekk it-tielet eċċezzjoni ta' Jasmine Azzopardi qiegħda tiġi miċħuda wkoll;

30. Darba li l-eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuta ġew mistħarrġa, il-qorti tista' tgħaddi biex tqis dak li huwa l-mertu ta' din il-kawża;

31. Il-provi li ressqu l-atturi biex isostnu l-każ tagħhom mhumiex estensivi. Huma jorbtu l-każ tagħhom mas-sejbiet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-proċeduri kriminali li ttieħdu kontra l-konvenuta Jasmine Azzopardi (dakinhar Jason-John Azzopardi) għaliex għalkemm il-proċediment ċivili u dak kriminali jitmexxew għal rashom (ara l-**artikolu 6 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta**), sejbien ta' ħtija f'qorti ta' kompetenza kriminali jitfa' dawl fuq l-element ta' ħtija jew responsabbiltà f'kawża ċivili għad-danni (ara ***Dr Stephen Thake noe et v. Ronald Apap et***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 31 ta' Jannar, 2003 u ***Miller Distributors Limited v. Malcolm Żarb et***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 10 ta' Ottubru, 2019);

32. Fil-fatt, is-sentenzi tal-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali huma ammissibbli bħala prova fl-azzjoni ċivili, u għandhom piż daqs kull prova ammissibbli oħra (ara l-**artikolu 627(e) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** u s-sentenzi ***Carmelo Micallef St. John et v. Richard Spiteri et***, Appell Superjuri, 15 ta' Jannar, 2002 u ***Darren Vella v. Ryan Sciberras***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 7 ta' Lulju, 2021). Minkejja dan, id-deċiżjoni għall-għanijiet tal-kawża ċivili tkun dik tal-qorti ċivili u mhux tal-qorti kriminali (***Mary Anne Borġ nomine v. Korporazzjoni Enemalta et***, Appell Superjuri, 31 ta' Jannar, 2014);

33. Tajjeb illi jingħad ukoll li l-grad tal-prova li huwa meħtieġ fil-kamp ċivili huwa differenti minn dak meħtieġ fil-kamp kriminali. F'kawżi kriminali l-liġi tesiġi li l-prova tal-ħtija għandha tirriżulta mingħajr dubju raġonevoli filwaqt li f'kawżi ċivili huwa biżżejjed li jkun hemm ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant. Din iċ-ċertezza morali meħtieġa fil-kamp ċivili hija l-effett tal-bilanċ tal-probbabiltajiet (ara ***Frank Ġiordmaina Mediċi et v. William Rizzo et***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 28 ta' April, 2004 u ***Veronica Muscat v. Eric Sciberras Balbi***, Appell Superjuri, 4 ta' Mejju, 2022);

34. Kemm hu hekk, qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili għandha s-setgħa li tisma' u taqta' dwar dak kollu li huwa meħtieġ sabiex tasal għal konklużjoni dwar responsabbiltà ċivili bla ma torbot lill-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali u lanqas tintrabat bil-konklużjoni ta' dik il-qorti (ara ***Francis Busuttil & Sons Ltd v. John Arthur Bamber***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 14 ta' Ġunju, 2002);

35. Issa f'dan il-każ, minbarra kopji tal-atti tal-proċeduri kriminali li ttieħdu fil-konfront ta' Jasmine Azzopardi, l-atturi ressqu wkoll bħala provi numru ta' filmati meħuda fid-dar tagħhom permezz tas-sistema CCTV (ara d-diskett f'paġna 250 tal-atti tal-kawża). Għalkemm f'dawn il-filmati l-qorti ma jidhrilhiex li rat lill-konvenuta tieħu xi oġġetti, għaliex il-konvenuta kienet tħobb taħdem b'daharha lejn il-kamera, l-aġir u l-mossi tal-konvenuta hekk kif muri f'dawn il-filmati huwa x'aktarx wieħed li jqanqal suspett;

36. Dan qiegħed jingħad għaliex fl-ewwel lok, f'dawn il-filmati Jasmine Azzopardi tidher qiegħda tipprova tgħatti l-kamera tas-CCTV bl-għodda li kienet qiegħda tnaddaf bihom, għalkemm fil-fatt hija ma rnexxiliex tgħattiha għal kollox u spiċċat biex kixfet lilha nnifisha dwar l-iskopijiet ħżiena tagħha. Fit-tieni lok, hemm mumenti f'dawn il-filmati fejn il-konvenuta tidher li tfiet id-dawl tal-kamra tal-istudju filwaqt li kienet fiha, x'aktarx bil-ħsieb li taħbi dak li kienet qiegħda tagħmel. Hekk ukoll, f'dawn il-filmati jidher li l-konvenuta fetħet xi kxaxen li l-qorti jidhrilha li ma kellhiex għalfejn jinfetħu sabiex hija twettaq id-dmirijiet tat-tindif tagħha. Wara kollox, il-konvenuta kienet suppost tmur għand l-atturi biex tnaddfilhom il-kmamar u l-għamara u mhux biex toqgħod tfittex u tħuf qalb l-affarijiet personali tagħhom;

37. Dan kollu jwassal biex il-miżien tal-provi ta' din il-qorti jxaqleb lejn it-teżi tal-atturi li l-konvenuta tassew kienet ħadet xi oġġetti li ma kinux tagħha waqt li hija kienet qiegħda tnaddaf fid-dar tal-atturi. Terġa' u tgħid, fil-fehma tal-qorti, l-atturi ġabu l-aqwa prova dwar dak li qegħdin jallegaw meta ressqu kopja tal-atti tal-proċeduri kriminali li ttieħdu kontra l-konvenuta u li fihom tinsab l-ammissjoni tal-istess konvenuta għall-akkużi ta' serq ta' oġġetti u flejjes tagħhom;

38. Tassew, meta wieħed ikun ħareġ tellief fil-ġudizzju kriminali billi ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontrih, tali ammissjoni tista' tintuża bħala prova f'kawża ċivili għad-danni għaliex din tissarraf f'konfessjoni daqslikieku saret bil-miktub jew bil-fomm band'oħra (ara ***Carmelo Camilleri v. Carmelo Dimech***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 23 ta' Jannar, 2002, ***Francis Xuereb pro et noe v. Kontrollatur tad-Dwana***, Appell Inferjuri, 10 ta' Ottubru, 2005, ***Dr. Wilfred Galea et v. Violet Debono et***, Appell Superjuri, 27 ta' Jannar, 2006 u ***Joseph Grech v. Charles Sciberras nomine***, Appell Superjuri, 3 ta' April, 2009);

39. Huma miżmum fil-ġurisprudenza li ammissjoni bħal din trid tingħata l-piż u l-konsiderazzjoni ġuridika meħtieġa. Dan jinsab imsaħħaħ fl-**artikoli 693** u **694(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** fejn huwa provdut li kull ammissjoni ta' fatt, anke jekk magħmula barra mill-qorti tista' tittieħed bħala prova kontra l-parti li tagħmilha u kontra

tagħha biss (ara ***Melita Cable plc v. Godfrey Farruġia et***, Appell Inferjuri, 14 ta' Lulju, 2004). Tabilħaqq, skont il-liġi tal-proċedura, l-ammissjoni hija r-*regina probationum* u biżżejjed biex il-każ jingħalaq (ara ***Carmelo Bonniċi nomine v. Ronald Farruġia et***, Appell Ċivili, 26 ta' Ottubru, 1970 u ***Kimberley Joy Aġius v. Direttur tas-Sigurtà Soċjali***, Appell Inferjuri, 6 ta' Ottubru, 2010);

40. Għalkemm fix-xiehda tagħha l-konvenuta tagħti x'tifhem li l-ammissjoni m'għamlithiex minn jeddha għaliex kien l-avukat tagħha fil-proċeduri penali li taha parir biex tagħmel hekk (ara x-xiehda tagħha f'paġna 259 tal-atti tal-kawża), din l-istqarrija tagħha, fid-dawl tal-provi prodotti, mhijiex waħda verosimili għaliex m'hemm l-ebda dubju li l-għemil li jixluha bih l-atturi ntwera li tassew seħħ. Il-konvenuta fl-ebda waqt ma tellgħet lill-avukat Arthur Azzopardi biex jixhed dwar il-parir legali li kien taha u dwar x'kienet ir-raġuni għaliex huwa kien taha dak il-parir, hekk kif kellha kull opportunità li tagħmel matul din il-kawża ċivili (ara f'dan is-sens dak il-qalet il-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza ***Paul Paċe v. Mario Camilleri***, deċiża fis-27 ta' Lulju, 2007). Fuq kollox, fl-istess xiehda tagħha, il-konvenuta kkonfermat li l-avukat Azzopardi għadu l-avukat tal-fiduċja tagħha u li hija għadha sal-lum tuża s-servizzi tiegħu (ara paġna 262 tal-atti tal-kawża). Għalhekk, hija żgur ma tistax tgħid li ġiet żgwidata mill-avukat tagħha. Barra minn hekk, jirriżulta li l-Maġistrat li kien qed jieħu ħsieb il-kawża kriminali kien taha ż-żmien biex jekk trid hija terġa' taħsibha, madankollu hija tenniet il-ħtija tagħha. Din il-qorti m'għandhiex l-iċken dubju li kieku l-konvenuta ma serqitx mid-dar tal-atturi hija ma kinitx ħa tammetti għas-serq għaliex ħadd ma jitgħabba bi ħtija kriminali li ma jkollux. La l-konvenuta ammettiet għas-serq, dan huwa sinjal li l-konvenuta tassew serqet;

41. B'hekk, fid-dawl tal-ammissjoni magħmula mill-konvenuta fil-proċeduri kriminali, il-qorti qiegħda tilqa' l-**<u>ewwel u t-tieni talbiet tal-atturi</u>** billi tiddikjara li l-konvenuta hija responsabbli għas-serq li seħħ mir-residenza tagħhom fil-perijodu ta' bejn Novembru u Diċembru, 2012 u li b'konsegwenza t'hekk hija għandha twieġeb għad-danni li kkawżatilhom;

42. Darba li ġie stabbilit li l-konvenuta ħadet oġġetti u flejjes li mhux tagħha meta kienet impjegata mal-atturi, minħabba l-eċċezzjonijiet imressqa mill-konvenuta, dak li jifdal li jiġi mistħarreġ minn din il-qorti huwa: (i) x'kienu l-oġġetti li serqet il-konvenuta; u (ii) x'inhi l-ħsara li ġarrbu l-atturi minħabba dan is-serq (ara ***Joseph Emanuel sive Joseph Borda v. Josianne Ċiantar Bonnett***, Prim'Awla tal-Qorti, 30 ta' Novembru, 2016);

43. Dwar l-identifikazzjoni tal-oġġetti li serqet il-konvenuta, l-atturi jistrieħu ħafna: (i) fuq l-affidavits tagħhom u ta' binhom; (ii) fuq il-prospett li ġie magħmul u maħluf mill-attur Adrian Vella; u (iii) fuq l-ammissjoni tal-konvenuta waqt il-proċeduri kriminali li nġabu kontra tagħha. Fi kliemhom, ġaladarba l-konvenuta ammettiet l-akkużi kollha li nġabu kontra tagħha, u ġaladarba wkoll li l-ammissjoni tagħha kienet tolqot kulma Adrian Vella kien semma lill-Pulizija (ara x-xiehda tal-Ispettur Jonathan Ransley f'paġna 49 tal-atti tal-kawża), isegwi li l-konvenuta għandha tinstab li serqet l-oġġetti kollha li hemm imniżżla fl-affidavits tagħhom u fil-prospett maħluf ta' Adrian Vella;

44. Min-naħa l-oħra, il-konvenuta tiċħad li hija serqet l-oġġetti kollha msemmija mill-atturi. Hija ssostni li wħud minn dawn l-oġġetti ssemmew għall-ewwel darba meta nfetħet din il-kawża u qatt ma ssemmew waqt il-proċeduri kriminali li saru kontra tagħha. Għalhekk, jeħtieġ li jiġi mistħarreġ x'kienu l-oġġetti li mis-sena 2012 'il quddiem issemmew mill-atturi bħala misruqa mid-dar tagħhom;

45. Fit-taħrika li nħarġet fuq il-konvenuta fi Frar tas-sena 2013 (ara paġna 84 tal-atti tal-kawża), il-konvenuta ġiet mixlija li serqet arloġġ tad-ditta *Chopard*, flejjes u affarijiet oħra li l-valur tagħhom jaqbeż il-valur ta' €2,329.37. Din it-taħrika ħarġet fuq is-saħħa ta' rapport magħmul mal-Pulizija minn Adrian Vella fid-9 ta' Diċembru, 2012 (ara paġna 84 tal-atti tal-kawża) u fuq stqarrija tal-istess Adrian Vella tal-11 ta' Jannar, 2013 (ara paġni 62 u 63 tal-atti tal-kawża) fejn ġie msemmi li mir-residenza tal-atturi nsterqu arloġġ tal-polz tad-ditta *Chopard*, biċċiet tad-deheb minn arloġġ tal-polka u ammont ta' flus;

46. Fil-fatt, dawn l-oġġetti ġew imsemmija wkoll minn Adrian Vella waqt ix-xiehda tiegħu tat-3 ta' Marzu, 2015 li ttieħdet fil-proċeduri kriminali li saru kontra l-konvenuta. Dakinhar l-attur semma wkoll li l-flus kontanti li serqitilhom il-konvenuta kienu jammontaw għal tal-anqas €800 (ara paġna 187 tal-atti tal-kawża). Dawn l-oġġetti u dan l-ammont speċifiku ta' flus ġew imtennija diversi drabi oħra minn Adrian Vella matul il-proċeduri kriminali (ara x-xiehda tiegħu tat-2 ta' April, 2014 f'paġni 99 u 100 tal-atti tal-kawża u x-xiehda tiegħu tat-3 ta' Marzu, 2015 f'paġni 186 u 187 tal-atti tal-kawża);

47. Terġa' u tgħid, meta fix-xiehda tiegħu li ngħatat f'din il-kawża fit-28 ta' Frar, 2022, l-attur reġa' ġie mistoqsi dwar x'kienu l-oġġetti li nsterqu mid-dar tiegħu (ara paġna 253 tal-atti tal-kawża), huwa llimita ruħu għall-arloġġ tad-ditta *Chopard*, għall-biċċiet tad-deheb mill-arloġġ tal-polka u għall-flus iżda ma semma xejn dwar il-katina tad-deheb u l-imsielet taċ-ċrieki tad-deheb ta' martu, il-prodotti tax-xagħar ta' martu u l-qmis ta' ibnu;

48. L-ispettur Jonathan Ransley ukoll xehed dwar l-oġġetti li l-atturi rrappurtawlu li ġew misruqa mill-konvenuta, kemm waqt il-proċeduri kriminali (ara x-xiehda tiegħu tat-2 ta' April, 2014 f'paġni 103 sa 105 tal-atti tal-kawża) u kif ukoll waqt din il-kawża (ara x-xiehda tiegħu tal-25 ta' Ġunju, 2021 f'paġna 47 tal-atti tal-kawża). Fiż-żewġ xiehda tiegħu, hu dejjem semma biss bħala oġġetti misruqa: (i) l-arloġġ tal-polz tad-ditta *Chopard*; (ii) il-biċċiet tad-deheb mill-arloġġ tal-polka, u (iii) €800, f'muniti. L-ispettur qatt ma ta xi ħjiel li l-atturi kienu sabu xi oġġetti oħra nieqsa;

49. Din il-qorti hija tal-fehma li l-atturi kellhom żmien biżżejjed biex jindunaw x'ġie nieqes mid-dar tagħhom sakemm kienu għaddejjin il-proċeduri kriminali kontra l-konvenuta. Biss biss, il-proċeduri kriminali damu għaddejjin kważi tliet snin. Madankollu, matulhom l-atturi qatt ma semmew xejn dwar il-katina tad-deheb, l-imsielet taċ-ċrieki tad-deheb, il-prodotti tax-xahar u l-qmis ta' binhom. Il-qorti tqis li huwa kemmxejn stramb kif sas-sena 2015, l-atturi kienu jgħidu li nsterqulhom €800 f'muniti, iżda mbagħad, tmien snin wara li twettaq is-serq, dan l-ammont spiċċa biex tela' għal €2,100. Tassew, il-qorti ma tistax tniżżilha kif tmien snin wara li seħħ il-każ tas-serq, l-atturi ġebbdu l-

allegazzjonijiet tagħhom għal fuq dawn l-oġġetti l-ġodda, iżda qabel infetħu dawn il-proċeduri ċivili huma qatt ma semmew xejn dwarhom;

50. Meqjus dan, din il-qorti ma tistax taċċetta li, ladarba l-konvenuta ammettiet is-serq jew teħid fuq xi oġġetti partikolari, allura l-atturi jistgħu jistrieħu biss fuq dik l-ammissjoni u ma jipprovaw xejn aktar. Lanqas ma tista' taċċetta li l-ammissjoni fuq ħwejjeġ partikolari tissarraf awtomatikament fi stqarrija ta' kulma l-atturi jsemmu fl-affidavits u fil-prospett li huma ressqu. Hawnhekk tgħodd ħafna l-massima li *actore non probante reus absolvit* (ara f'dan is-sens ***Joseph Emanuel sive Joseph Borda v. Josianne Ċiantar Bonnett***, Prim'Awla tal-Qorti, 30 ta' Novembru, 2016). Il-qorti jidhrilha li l-atturi ma seħħilhomx jippruvaw li l-konvenuta serqitilhom (i) katina tad-deheb, (ii) imsielet taċ-ċrieki tad-deheb, (iii) prodotti tax-xahar, (iv) qmis, u (v) ammont ta' flus kontanti li jaqbeż t-€800 u għalhekk hija ma tistax tqis il-valur ta' dawn l-oġġetti fil-likwidazzjoni tad-danni. Għalhekk f'dan is-sens il-qorti qiegħda tilqa' r-**<u>raba' eċċezzjoni</u>** tal-konvenuta u kif ukoll qiegħda tilqa' limitatament id-**<u>disa' eċċezzjoni</u>** tal-konvenuta safejn din tolqot l-oġġetti u l-flejjes hawn fuq imsemmija;

51. Mill-banda l-oħra l-qorti qiegħda ssib li l-atturi rnexxielhom jippruvaw li l-bqija tal-oġġetti l-oħra li hemm msemmija fil-prospett tal-attur Adrian Vella tassew ġew misruqa mill-konvenuta mir-residenza tagħhom, jiġifieri: (i) flus kontanti fl-ammont ta' €800, (ii) arloġġ tal-polz tad-ditta *Chopard* u (iii) amuleti tad-deheb u biċċiet tad-deheb minn arloġġ qadim tal-polka. Dwar il-flus li nsterqu mill-konvenuta m'hemmx wisq aktar x'jingħad. Meta ammettiet l-akkużi li nġabu kontra tagħha fil-proċeduri kriminali, il-konvenuta kienet ammettiet li hija serqet l-oġġetti kollha li l-atturi kien għarrfu lill-Pulizija bihom sakemm kienu għaddejjin il-proċeduri kriminali. Dan jinkludi l-muniti fl-ammont ta' <u>€800</u>;

52. Għalkemm il-konvenuta ressqet numru ta' eċċezzjonijiet dwar it-titolu li l-atturi għandhom fuq l-arloġġ tal-polz tad-ditta *Chopard*, mill-provi jirriżulta li dan l-arloġġ kien ingħata b'rahan lill-attur Adrian Vella mingħand Pierre Galea peress li dan tal-aħħar kien issellef is-somma ta' €10,000 mingħand l-attur (ara l-kitba privata f'paġni 33 u 34

tal-atti tal-kawża). Skont Pierre Galea, wara li dan l-arloġġ insteraq, l-attur baqa' qatt ma ġabar is-somma ta' €10,000 lura mingħandu, għaliex dan tal-aħħar ma setax jirritornalu l-arloġġ li ma kienx għadu fil-pussess tiegħu (ara x-xiehda ta' Pierre Galea f'paġna 32 tal-atti tal-kawża);

53. Għalkemm l-attur mhuwiex sid l-arloġġ tad-ditta *Chopard* għaliex il-proprjetà tiegħu għadha tgħajjat lil Pierre Galea (ara l-**artikolu 1974 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**), l-attur xorta għadu jrid iwieġeb lil Pierre Galea għat-telf tal-oġġett mogħti b'rahan skont l-**artikolu 1975(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, u għalhekk m'hemm xejn xi jżomm lill-atturi milli jitolbu għad-danni li ġarrbu minħabba s-serq ta' dan l-arloġġ. Għalhekk, **it-sitt, seba' u tmien eċċezzjonijiet** tal-konvenuta qegħdin jiġu miċħuda;

54. Dan l-arloġġ ġie stmat minn *Edwards & Lowell* għall-valur ta' €12,400 (ara l-istima f'paġna 35 tal-atti tal-kawża). Il-konvenuta ma ressqet l-ebda prova biex twaqqa' jew ixxejjen din l-istima u għalhekk il-qorti ssib li l-konvenuta trid tagħmel tajjeb għad-danni fl-ammont ta' €12,400 minħabba s-serq ta' dan l-arloġġ;

55. Jibqa' biss l-amuleti tad-deheb u biċċiet tad-deheb li nsterqu minn arloġġ qadim tal-polka. Dawn il-biċċiet tad-deheb ġew stmati minn *Obelisk Auctioneers & Valuers* għall-valur ta' €1,000. Hawn ukoll, il-konvenuta ma ressqet l-ebda prova biex ixxejjen din l-istima u għalhekk il-qorti ssib li l-konvenuta għandha tagħmel tajjeb ukoll għad-danni fl-ammont ta' €1,000 minħabba s-serq ta' dawn il-biċċiet tad-deheb;

56. Fid-dawl ta' dan kollu, il-qorti qiegħda tilqa' t-**tielet talba tal-atturi** billi tillikwida d-danni mġarrba minnhom fl-ammont totali ta' €14,200 u tilqa' wkoll r-**raba' talba** tagħhom billi tikkundanna lill-konvenuta tħallashom l-ammont hekk likwidat;

57. Fl-aħħar nett, peress li fit-talbiet attriċi ma ġie indikat l-ebda ammont ta' danni iżda minflok saret talba biex din il-qorti tillikwida d-danni mġarrba mill-atturi, fuq is-saħħa tal-prinċipju ta' *in liquidandis non fit mora*, din il-qorti sejra tordna lill-konvenuta tħallas l-

imgħax bir-rata ta' 8% fuq l-ammont ta' €14,200, liema mgħax għandu jibda miexi mid-data ta' din is-sentenza;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

i. **Tiċħad** it-tieni eċċezzjoni ta' Jasmine Azzopardi peress li din il-qorti għandha l-kompetenza *ratione valoris* biex tisma' din il-kawża;

ii. **Tiċħad** it-tielet eċċezzjoni ta' Jasmine Azzopardi peress li l-attriċi Lucienne Abela Vella għandha leġittimazzjoni attiva biex tmexxi b'din il-kawża;

iii. **Tilqa'** l-ewwel u t-tieni talbiet tal-atturi billi tiddikjara li Jasmine Azzopardi hija responsabbli għas-serq li seħħ mir-residenza tagħhom fil-perijodu ta' bejn Novembru u Diċembru, 2012 u li b'konsegwenza t'hekk hija għandha twieġeb għad-danni li ħolqitilhom;

iv. **Tilqa'** r-raba' eċċezzjoni ta' Jasmine Azzopardi billi tiddikjara li l-atturi ma seħħilhomx jippruvaw li hija serqitilhom ammont ta' flus kontanti li jaqbeż it-€800;

v. **Tilqa'** limitatament id-disa' eċċezzjoni ta' Jasmine Azzopardi għaliex l-atturi ma seħħilhomx jippruvaw li hija serqitilhom katina tad-deheb, imsielet taċ-ċrieki tad-deheb, prodotti tax-xahar, u qmis, iżda **tiċħadha** safejn din tolqot flus kontanti fl-ammont ta' €800, arloġġ tal-polz tad-ditta *Chopard* u amuleti tad-deheb u biċċiet tad-deheb minn arloġġ qadim tal-polka;

vi. **<u>Tiċħad</u>** is-sitt, is-seba’ u t-tmien eċċezzjonijiet ta’ Jasmine Azzopardi għaliex l-atturi għandhom dritt ifittxuha għad-danni li ġarrbu minħabba s-serq tal-arloġġ tal-polz tad-ditta *Chopard*; u

vii. **<u>Tilqa’</u>** t-tielet, ir-raba’ u l-ħames talba tal-atturi billi tillikwida d-danni mġarrba minnhom fl-ammont totali ta’ €14,200, u tordna lil Jasmine Azzopardi tħallashom din is-somma kif likwidata, bl-imgħax bir-rata ta’ 8% mid-data ta’ din is-sentenza sakemm isir il-ħlas effettiv;

Fl-aħħar nett, il-qorti qiegħda **<u>tordna</u>** wkoll li l-ispejjeż kollha tal-kawża fuq il-bażi tar-rebħ u tat-telf għandhom jitħallsu hekk: (i) sehem ta’ tliet kwarti (3/4) mill-konvenuta Jasmine Azzopardi; u (ii) sehem ta’ kwart (1/4) mill-atturi.

_________________________

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

_________________________

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**